**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 380/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Fabian Fleri)**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**vs**
**Silvio (Saviour) Pace**

**Illum 28 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Silvio (Saviour) Pace ta' 48 sena, bin Joseph u Victoria nee Pisani mwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru 1968, u joqghod Block J Flat 5, Triq Giovanni Barbara, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 477468M.

Akkuzat talli

Fit-13 t'Awwissu 2017 bejn l-10:00 u n-12:30hrs minn gewwa r-residenza bin-numru 34, Triq Pace, Sliema, ikommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Emanuel Pace u/jew persuna/i ohra.

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 7 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali tal-imputat dok MM1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat dok MM2, rapport dok MM1, mandat t'Arrest dok MM2, rinunzja ghal Avukat dok MM3, stqarrija dok MM4, dok MM5 sa MM6, borza sigillata b'indumenti markata dok MM7, borza sigillata b'papocc dok MM8, envelop siggilat b'mobile dok MM9, diversi sentenzi esebiet a fol 72 et seq minn MM10 sa MM14, SC1 u SC2, dok MB1,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Emanuel Pace, Spettur Mark Mercieca, Supretendent Fabian Fleri, Dirk Pace, Spettur Mark Mercieca, PC 1084 Sven Sammut, PS 157 Brian Mifsud, Stephen Cachia, Dr Martin Bajada,

**Emanuel Pace** qal li fit-13 t'Awwissu 2017 kien ghamel rapport li kienu dahlu fid-dar tieghu u sab deheb u flus kontanti nieqsa. Illi l-ammont ta' flus li naqsu ma kienx jaf ezatt waqt li d-deheb kien ta' missieru u tieghu u ta' membri ohra tal-familja. Bhala ammont ta' valur ta' kemm jiswa d-deheb ma kienx jaf ezatt imma kien jiftakar li gizirana minnhom li kienet intserqet kien xtraha ghal valur ta' hames mitt Lira Maltin.

**L-ispettur Mark Mercieca** esebixxa diversi dokumenti in konnessjoni mal-investigazzjoni.

**L-Ispettur Fabien Fleri** kien dahal rapport dwar serq li sehhet f'residenza agewwa tas-Sliema. Meta marru l-Pulizija, Derek Pace li kien rieqed fil-kamra tieghu u meta qam induna li kien hemm t-taqlieb fil-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu. Il-Pulizija pruvaw jaraw jekk kienx hemm CCTV fil-vicinanzi u raw li ftit 'l boghod kien hemm ristorant li kellu CCTV u kienu talbu lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jinhatar espert u jezamina l-filamti. Mill-filmat deher li kien hemm l-imputat fejn gie avvicinat minn vettura tal-ghamla BMW u persuna tghaddi oggett lill-imputat. Ftit wara huwa telaq minn hemm u l-imputat deher li kien libes jeans, slipper abjad u t-shirt. Minhabba li kien gie infurmat li kienet instabet footprint, talab ikollu ritratt ta' din il-footprint sabiex issir tfittxija fir-residenza tal-imputat. Gara li f'din it-tfittxija instab slipper li kellu l-qiegh tieghu identiku tal-footprint kif ukoll xi hwejjeg li kien libes l-imputat li deher fil-filmat.

**Dirk Pace** qal li fit-13 t'Awwissu 2017 kien qieghed id-dar rieqed u kif qam ra l-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu kullimkien imqalleb, kxaxen miftuhin. Mid-dar kollha kien hemm biss il-kamra tas-sodda mqallba. Huwa nnota li kien hemm it-tieqa tal-aluminium magenb il-bieb ta' barra miftuha. Minn naha tieghu min kien dahal hadlu kartiera fejn insterqu xi flus li kellu u dan apparti li kienu hadu lil missieru.

**Spettur Mark Mercieca** kien dahal rapport dwar serq li sehhet f'residenza agewwa tas-Sliema. Meta marru l-Pulizija, Derek Pace li kien rieqed fil-kamra tieghu u meta qam induna li kien hemm t-taqlieb fil-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu. Kienu gew infurmati li kien hemm zewg persuni suspettuzi ftit qabel din is-serqa fejn wiehed minnhom kellu flokk ahmar, jeans griz u flok abjad. Kien hemm persuna li kif fetah il-bieb tal-garage tieghu ra persuna suspettuza li kien libes flokk ahmar u jeans griz. Dan

segwieh sakemm wasal vicin ristorant. Wara dahlet informazzjoni li l-persuna li setghet kienet involuta kienet l-imputat. Intalab mandat t'arrest u saret ukoll tfittxija. Waqt it-tfittxija elevaw hwejjeg li kienu tal-istess lewn li kienu raw fil-filmati u zraben ohrajn. Wiehed miz-zraben kellu l-footprint tixbah ta' marka li nstabet hdejn fejn saret is-serqa. Intalab ukoll sabiex jigu elevati filmati ta' CCTV sabiex jghinuhom fl-investigazzjoni. Mill-filmat deher li kien jidher fih l-imputat fejn kien qieghed jidher jaghmel diversi telefonati. Saret tfittxija fil-vettura tieghu u sabu sikkina kif ukoll pjanci ta' vetturi ohra.

**PC 1084 Sven Sammut** qal li waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' tas-Sliema dahal rapport ta' serqa. Meta kellmu lil Dirk Pace dan qallhom li kienu serqhum u qalbu l-kamra tas-sodda tieghu imqalba. Meta mar isfel jiccekja l-bieb sab li kien hemm tieqa miftuha. Instab ukoll marka qiesa footprint fuq in-naha ta' gewwa tat-tieqa

**PS 157 Brian Mifsud** qal li kein dahal rapport gewwa l-gahssa ta' Tas-Sliema fit-13 ta' Awwissu 2017 minhabba rapport ta' serqa ghad-detriment ta' Dirk u Emanuele Pace. Kien hemm taqlib fil-kamra tas-sodda fejn irrizluta li Dirk Pace kien qieghed rieqed fil-kamra tas-sodda. Deher li min dahal ghadda minn tieqa biswit il-bieb ta' barra. It-tieqa kella sinjali ta' sgass maghha. Huwa kien involut ukoll fi tfittxija fir-residenza ta' Silvio Pace.

**Stephen Cachia** esebixxa document rigward ricerka fuq vetturi registrati fuq Saviour Pace.

**Dr Martin Bajada** esebixxa relazzjoni tieghu sabiex johrog kontenut tac-cellulari li kien gie esebiet.

**Nadia Ciappara** esebiet process verbal bin-numru 748/2018 dwar serq li kien et sehher mir-residenza 34, Triq Pace, Sliema nhar it-13 t'Awwissu 2017.

**Joseph Mallia** xehed fejn gie mqabbad bhala espert mill-Qorti sabiex jeleva lifters u papocc kif ukoll jiehu impronti digitali u l-pali tal-idejn ta' Silvio Pace. Illi esebixxa wkoll rapport dok JM1 li hija r-relazzjoni tieghu wara li ghamel l-ezamijiet necessarji kollha dwar l-esebieti li rtira ghal dan l-inkarigu kif ukoll l-lifters. Illi huwa kkonkluda li mill-impronti digitali ma qablux ma' dawk tal-imputat izda dwar iz-zarbun li kien gie mghoddi lilu sab li kien jaqbel mal-marka li kien hemm fuq il-post ta' fejn saret is-serqa. Iz-zarbuna kellha dent partikolari li kienet taqbel mal-marka li kien hemm mal-hogor tat-tieqa.

**Maria Dolores Fenech** xehdet u ikkonfermat li l-imputat m'ghandhux appelli pendenti.

**Gordon Grech** ikkonferma li huwa kien jarrah meta kien hemm ordni ta' probation u tal-parole. Illi ghalkemm kien tilef xi appuntamenti pero dejjem attenda. Il-problema li ghandu hija l-kwistjoni tad-droga. Kien hemm progress fl-affarijiet tieghu

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u ghoxrin (2020) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(i) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(iv) Fl-artikoli 7,8, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fil-verbal tas-26 ta' Frar 2021 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet fosthom b'serq aggravat, u li huwa recediv. Minn dak li hareg mill-fatti tal-kaz, il-vittmi familja Pace sabu diversi oggetti tad-deheb nieqsa kif ukoll flus kontanti. Irrizulta li fil-mument li kienet qeghda ssir is-serqa kien hemm it-tifel tahhom rieqed fil-kamra tas-sodda tieghu. Meta qam induna li kien dahal xi hadd minhabba t-taqlib li kien sab fil-kamra tas-sodda. Dirk Pace beda jdur mad-dar sabiex jara minn seta dahlu u induna li kien hemm it-tieqa ta' barra miftuha. Illi hareg li min dahal uza din it-tieqa sabiex jidhol fir-residenza tal-familja Pace fejn irnexxielu jidhol billi sgassa din it-tieqa. L-unika indizzju li thalla kienet shoeprint mat-tieqa.

Illi mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija u wara li waslet informazzjoni li seta kien l-imputat, traccaw postijiet fejn kien hemm CCTV footages. Irrizulta li l-imputat kien ghamel xi hin vicin ristorante u anki deher fil-filamt liebes hwejjeg li wara li saret tfittxija instabu dawn il-hwejjeg kif ukoll iz-zarbun. Mill-provi mressqa l-imputat tpogga li kien fil-vicnanzi izda ma kienx hemm prova diretta li xi hadd kien gharrfu bhala l-persuna li dahal f'din ir-residenza. Illi ghalhekk il-Qorti trid tifli c-cirkostanzi tal-kaz minn provi ohra sabiex tasal ghal xi konkluzjoni dwar sejbien ta' htija jew le.

**Ikkunsidrat**

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-prova konsistenti fl-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat. Illi f'dan il-kaz l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal xejn u ghalhekk ghalkemm ittiehdet minghajr ma kellu assistenza legali u din il-Qorti taqbel dwar il-fatt li jekk persuna ma jkunx assitiet minn avukat waqt l-interogatorju, l-istqarrija m'ghandhiex titqies bhala prova. Illi pero f'dan il-kaz, tali dritt mhux sejjer jaffetwa din l-istqarrija ladarba ghazel li ma jwiegeb xejn.

**L-imputazzjoni ta' serq**

Illi l-ewwel imputazzjoni hija dwar serq aggravat fejn l-imputat ghandu s-segwenti aggravji marbutin ma' din is-serqa u cioe' bil valur, bil-lok u bil-mezz. Illi f'dan il-kaz ebda xhud ma tela u qal li kien ra lill-imputat jidhol gewwa din ir-residenza tal-familja Pace. Illi l-unika prova li b'xi mod tista twassal lill-imputat li kien involut fil-kaz hija shoeprint li nstabet fuq il-post fejn sehhet is-serqa. Illi sabiex il-Pulizja jkunu jistghu jaslu ghal l-imputat kienu ghamlu uzu ta' filmati li kien hemm fil-vicinanzi fejn l-imputat kien libes zarbun tal-istess lewn li kienu sabu fir-residenza tieghu. Illi dan iz-zarbun kien gie mqabbel ma' din l-impronta li kienet instabet. Illi mill-istess analizi li kien ghamel l-espert mahtur minn din il-Qorti, hareg li z-zarbun elevat mill-Pulizija kellu marka simili ghal dik l-impronta misjuba fejn sehhet is-serqa fir-residenza tal-familja Pace.

Illi ghalhekk mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiemha din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuna involuta f'din is-serqa. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahhlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

Illi l-Qorti innutat ukoll illi din l-impronta taz-zarbun hija l-unika prova li biha l-Prosekuzzjoni tista' tipprova l-konnessjoni mal-imputat u s-serqa li

saret f'din ir-residenza. Huwa car li din l-impronta taz-zarbun instabet ix-xena tad-delitt u huwa wkoll fatt jekk fil-kamp kriminali tali prova hiex bizzejjed sabiex jigu ppruvat l-kaz kontra l-imputat. Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali u fuq il-grad tal-prova f'numru ta' decizjonijiet. Fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija v James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed*

*jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact”....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin’.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubbklika ta’ Malta v Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta’ Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*‘L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci’.*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita’ u qal is-segwenti:

*“It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of*

> *circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Practice (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi ghalkemm hemm il-fatt li nstabet l-impronta ta' qiegh ta' zarbun fuq ix-xena tad-delitt, din giet misjuba fil-hogor tal-istess tieqa. Illi ghalkemm din it-tieqa qeghda mat-triq, fejn instabet l-impronta taz-zarbun zgur ma jistax jinghad li kienet ghall-access ta' kulhadd. Illi mhux talli hekk illi skont ir-ritratt tal-hogor tat-tieqa (a fol 118) hija fil-parti ta' gewwa tat-tieqa minn fejn fil-fatt sar l-isgass. Illi ghalhekk din l-impronta taz-zarbun taghti indikazzjoni cara li min wettaq din is-serqa kien libes dan iz-zarbun li halli l-marka.

Illi l-Qorti tinnota li din l-impronta taz-zarbun li giet ikkomparata pozittivament ma' zarbun li gie elevat mir-residenza tal-imputat. Illi f'ebda hin l-imputat ma ressaq prova kuntrarju li dik iz-zarbuna ma kenitx tieghu. Illi mill-istills li gew esebieti johrog bic-car li persuna li giet identifikata bhala l-imputat kienet libsa zarbun abjad li huwa simili ghal dak li gie elevat mill-Pulizija waqt li kienet qeghda ssir it-tfitxija. Illi l-espert mahtur minn din il-Qorti ghamel ezami tad-dokument li kien fil-borza tal-evidenza numru L00095338 fejn kien fiha papocc ta' lewn abjad minghajr lazz tal-marka 'NIKE' (ara fol 246). Illi mill-konkluzzjoni tal-ezami komparattiv li ghamel mal-impronta misjiba mal-hogor tat-tieqa ikkonkluda hekk a fol 252:

> "*4. Illi l-marka tal-pedata li allegatament giet misjuba fuq il-hogor tat-tieqa giet ikkomparata posittivament ma' parti mill-qiegh tal-papocca tax-xellug formanti parti mid-dokuemnt MM4*"

Illi ma dan ma rrizultalx li kien hemm lifters li jaqblu mal-impronti digitali tal-imputat. Madankollu kif diga inghad din il-Qorti thoss li din il-prova hija bizzejjed sabiex l-akkuzi odjerni jigu ppruvati oltre d-dubju dettat mir-raguni.

Illi pero' l-imputat qieghed iwiegeb ghal akkuzi ta' serq aggravat u cioe' bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro), bil-lok u bil-mezz. Illi huwa car u manifest li din is-serqa sehhet f'residenza u ghalhekk ladarba din il-Qorti rat li l-imputat kienet il-persuna li dahlet f'din ir-residenza fejn sehhet serqa, il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova li s-serq huwa aggrvat bil-lok. Illi fil-kaz tal-mezz, illi mill-provi hareg li l-imputat sgassa tieqa li kienet mat-triq u dahal fir-residenza u fil-hogor tat-tieqa halla marka taz-zarbun. Illi mal-istess tieqa kien hemm sinjali maghha li giet sfurzata sabiex ikollu access. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova li s-serq huwa aggravat bil-mezz. Illi l-ahhar aggravju li l-imputat jinsab addebitat lilu huwa dak tal-valur. Illi mix-xhieda li giet mghotija lill-espert tal-Qorti mahtur sabiex

jiehu x-xhieda fl-atti tal-inkjesta, il-parte civile elenka lista ta' oggetti li huwa sab nieqes (a fol 56) li jeccedu sew s-somma ta' l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro). Dan huwa apparti minn dak li qalet Elizabeth Pace fl-istess atti tal-inkjesta. Illi anki hawn il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-aggravju tal-valur.

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu li l-prosekuzzjoni esebiet hames sentenzi fil-konfront tal-imputat li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bid-data tas-26 ta' Marzu 2015 (a fol 72) kien wehel tmintax-il xahar prigunerija u fost l-akkuzi li kellu kienet fuq serq. Waqt li sentenza ohra li tinsab a fol 77 li hija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali li hija wkoll fuq serq kien wehel sentejn prigunerija. Waqt li fis-sentenza esebieta a fol 81, l-imputat kien inghata tlett snin probation that l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din is-sentenza ai fini tar-receidiva mhux qeghda tigi kkunsidrata kif ukoll dwar is-sentenza esebieta a fol 83 fejn ukoll kien inghata probation ta' tlett snin that l-artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess ghandu jinghad ghas-sentenza esebieta a fol 86.

Illi rigward l-ewwel zewg sentenzi li gew esebieti fejn kien gie ikkundanatt prigunerija il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif*

> *ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi bla dubju ta' xejn fiż-żewġ sentenzi esebieti jidher b'mod ċar li dawn qeghdin jirreferu għal istess imputat u dan hemm n-numru tal-karta tal-identità li taqbel ma' dik li hemm fl-akkużi kontra tiegħu kif ukoll għal dik tat-tieni sentenza esebieta. Illi l-istess prosekuzzjoni tellgħu bħala xhud rappreżentati tal-amministrazzjoni tal-Qorti fejn ġie konfermat li ma kienx hemm appelli pendenti. Illi f'dan il-każ l-unika żewġ sentenzi esebieti ma jistgħux jinbidlu stante li huma tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi fiż-żewġ sentenzi esebieti l-imputat weħel sentenzi ta' priġunerija u kienu relatati ma' każijiet bħal dan odjern u cioè fuq serq.

Illi kif inghad is-sentenzi esebieti fejn kien wehel priġunerija ma jistghux jinbidlu. Illi ghalhekk din is-sentenza saret wahda definittiva u ma tistax tithassar. Illi madankollu l-Qorti tinnota li sentenza minnhom ġiet konfermata wara li kien akkużat u cioe' ghas-sentenza li ggib id-data tat-28 ta' Settembru 2017 li tinsab a fol 77. Illi ghalhekk a fini tar-recidiva tapplika biss is-sentenza li hemm a fol 72 fejn kien wehel tmintax-il xahar priġunerija. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-principju tar-recidiva japplika u ghalhekk din il-Qorti qieghda ssibu hati that l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u ghoxrin (2020) hareg l-artikoli fil-konfront tal-imputat fejn huwa ghamel referenza ghal artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi.

L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) jekk tigi misjuba hatja, l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenza esebita kienet tikkoncerna wahda ta' serq.

Illi f'dan il-każ għal dak li japplika l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew sodisfatti ir-rekwiżiti għal sejbien ta' ħtija. Illi fil-fatt din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Kif anke gie kkunsidrat fis-sentenza '**Il-Pulizija Spettur Jeffrey Cilia Vs Maurizio Zahra u Johan Pace**' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2011 (Numru 521/2011):

> *'Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat per se, separata w distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra, taht l-* ***artikoli 49 u 50*** *tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva. Kif gia ntqal, iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, w taghmel reat iehor.*
>
> *Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-****artikoli 49 u 50 tal- Kap 9****, li f'dan il-kaz iz-zmien huwa applikabbli.*
>
> *Izda mbaghad hemm l-****artikolu 289 tal-Kap 9*** *ukoll moghti fil-konfront ta'* ***Johan Pace****, li jistabilixxi konsegwenzi w effetti legali ta' meta wiehed li jkun gia gie kkundannat ghal reat, jerga' jigi kkundannat ghal reat iehor, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet ta' zmien.*
>
> *L-artikolu 289 tal-Kap 9 jitkellem mill-banda l-ohra, f'parti specjali jew espressa tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu m'hemm ebda limitazzjoni ta' zmien. Din hi disposizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura stabbilita f'dan l-artikolu.'*

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat gie meqjus li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Ghalkemm is-sentenza esebita kienet tittratta fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista jigi applikat u cioe' taghti lok ghal zieda fil-piena. L-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva..." u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat..." Ghalhekk ladarba li l-imputat instab hati tar-recidiva skont l-artikolu 49, allura skont l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk is-sentenza taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7,8, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Silvio (Saviour) Pace hati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qieghed jinstab hati.**

**Dwar l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna lill-ħati jħallas is-somma ta' elf disa' mija ħamsa u ħamsin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1955,25).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**